**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**MR. JAMES HENRY PEARSALL**

**Illum 5 ta' April 2016**

**Rikors Numru 36/2015**

**Maria Lourdes Demarco**
**Vs**
**Ministeru tal-Finanzi**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Maria Lourdes Demarco** ipprezentat fit-2 ta' Gunju 2015 li permezz tieghu ippremettiet is-segwenti:-

1. *"Illi dan huwa appell minn rifjut (Dok "A") tat-Transfer of Residence Exemption Board ghal ezenzjoni ai termini ta' l-Art.19 tal-Kap. 368 tal-Ligijiet ta' Malta u regolament Nru.4 tal-Avviz Legali 196/2009 kif finalment emendat bl-Avviz Legali 440/2013.*
2. *Illi fid-19 ta' Awwissu 1989, l-appellanti zzewget lil dak li ghadu r-ragel taghha, Edward Demarco u bejniethom kien u ghadu applikabbli r-regim tal-komunjoni tal-akkwisti (Certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat- Dok "B")*
3. *Illi l-appellanti u zewgha emigraw lejn l-Istati Uniti u rritornaw lura Malta fl-2014 wara 25 sena hekk emigrati.*
4. *Illi fis-sena 2011 hi u zewgha akkwistaw mutur tad-ditta HARLEY DAVIDSON mudell XL1200N bix-Chassis Number 1HD1CZ3198K402764 u bin-numru tal-magna CZ38402764. (Dok "C") liema mutur gie registrat f'isem zewgha Edward De Marco.*
5. *Illi nhar it-30 ta' Settembru 2014 Maria Lourdes Demarco applikat ghal-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni tal-vetturi mat-Transfer of Residence Exemption Board. (Dok "D").*

6. *Illi l-mutur in kwistjoni gie mpurtat f'Malta fit-22 ta' Settembru 2014 (Dok "E") fuq isem l-appellanti.*
7. *Illi l-Ministeru appellat hareg Temporary Permit nhar it-13 ta' April 2015 lill-appellanti sabiex taghmel uzu mill-istess mutur. (Dok "F").*
8. *Illi fil-fatt l-istess mutur gie assigurat ma' ditta lokali tal-assikurazzjoni f'isem l-appellanti nhar il-15 ta' April 2015. (Dok "G")*
9. *Illi l-vettura in kwistjoni giet rilaxxata lill-appellanti personalment, kemm mill-Awtoritajiet tad-Dwana kif ukoll mill-Pulizija.*
10. *Illi nhar it-8 ta' Mejju 2015, it-talba tal-appellanti ghall-ezenzjoni in kwistjoni giet michuda, liema decizjoni giet komunikata lill-appellanti bl-ittra tat-13 ta' Mejju 2015.*
11. *Illi jidher li d-decizjoni appellata ttiehdet fuq il-bazi li l-mutur in kwistjoni, gewwa l-Istati Uniti, kien registrat f'isem ir-ragel tal-appellanti, cioe' Edward Demarco u mhux f'isem l-appellanti nnifisha.*
12. *Ill-l-esponenti hassitha aggravata minn tali decizjoni u minnha qed tintavola dan l-umli appell.*
13. *Illi l-aggravju tal-appellanti huwa car u manifest in kwantu l-Ministeru appellat ghamel applikazzjoni hazina tal-ligi applikabbli fil-kaz in ezami u ghalhekk id-decizjoni tieghu hija zbaljata u nfondata fil-fatt u fid-dritt.*
14. *Illi r-regolament 4 (2) tal-Avviz Legali 196/2009 kif emendat bl-Avviz Legali 440/2013 jistipula:*
    *"L-ezenzjoni taht l-artikolu 19(3)(f) tal-Att tinghata fir-rigward ta' vettura bil-mutur M1 jew cikletta li tkun il-propjeta` personali ta' individwu u tkun qieghda tigi mpurtata jew tkun qieghda tingieb f'Malta minn dak l-individwu meta jkun qieghed jittrasferixxi r-residenza normali tieghu minn post barra minn Malta ghal post f'Malta."*
    *In oltre is-subincizi 3, 4 u 5 jistipulaw rekwiziti ohra li jridu jigu rispettati mill-applikant.*
15. *Illi l-Ministeru appellat fid-decizjoni tieghu, jidher li mhux qed jaghmel distinzjoni bejn individwu u familja. Li l-appellanti u Edward Demarco huma konjugi ma huwiex kontestat. Li galadarba z-zwieg taghhom gie celebrat gewwa Malta huwa applikabbli r-regim tal-komunjoni ta' l-akkwisti, salv eskluzjoni specifika, ma huwiex kontestat.*
16. *Illi r-regolament in kwistjoni jaghti l-possibilta ta' ezenzjoni lil individwu. Ghalhekk tali regolament jipprospetta sitwazzjoni fejn konjugi jistghu jgibu ezenzjoni fuq zewg vetturi fejn vettura wahda tkun registrata finalment fuq ir-ragel u vettura ohra tkun registrata finalment fuq il-mara tieghu.*
17. *Illi l-appellanti ssodisfat ir-rekwiziti kollha stipulati mir-regolamenti hawn fuq citati stante li l-mutur in kwistjoni kien u ghadu propjeta taghha ghaliex akkwistat fiz-zwieg, hija akkwistat tali mutur aktar minn erbgha u ghoxrin xahar qabel ma rritornat lura lejn Malta, il-mutur gie mpurtat f'Malta*

*f'isimha, il-mutur baqa propjeta taghha meta gie mpurtat f'Malta u ghadu hekk sa llum, il-mutur huwa assikurat f'isimha u hija ma bbenefikatx minn ezenzjoni mit-taxxa taht ir-regolamenti in kwistjoni.*

18. *Illi l-fatt li d-dokument tar-registrazzjoni gewwa l-Istati Uniti kien jghajjat lil Edward Demarco li kien u ghadu mizzewweg lill-appellanti ma jibdel xejn mill-fatt li l-appellanti kienet tikkwalifika ghall-ezenzjoni in kwistjoni. Huwa fatt maghruf anke f'Malta li vetturi ta' konjugi ikunu registrati fuq il-log book f'isem wiehed jew wahda mill-konjugi. Dan ma jnaqqas u ma jibdel xejn mis-sitwazzjoni legali u cioe li l-vettura in kwistjoni hija proprjeta tat-tnejn u li parti ma tistax tittrasferixxi dik il-vettura minghajr il-kunsens tal-konjugi l-iehor. F'dan is-sens issir referenza ghal diversi sentenzi tal-Qrati taghna fosthom dik moghtija mill-Qorti tal-Magistrati – Malta fl-ismijiet "Martin Mifsud vs Carmelo Bonnici et." Ir-registrazzjoni f'isem wiehed mill-konjugi tikkwalifika u sservi fil-ligi bhala registrazzjoni f'isem il-konjugi l-iehor jew l-ohra.*

*Ghaldaqstant in vista tal-premess, l-esponenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbhu jilqa' l-aggravvju taghha u jhassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Ministeru appellat tat-13 ta' Mejju 2015 u konsegwentement jordna lill-appellat jaghti lill-appellanta l-ezenzjoni kontemplata fir-regolament 4(2) tal-Avviz legali 440/2013 fir-rigward tal-mutur tad-ditta HARLEY DAVIDSON mudell XL1200N bix-Chassis Number 1HD1CZ3198K402764 u bil- numru tal-magna CZ38402764."*

Ra r-risposta tal-**Ministeru tal-Finanzi** ipprezentata fis-6 ta' Lulju 2015 fejn gie eccepit is-segwenti:-

"

1. *Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat skont kif jipprovdi l-artikolu **181B (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponent sejjer bil-preżenti risposta, iwieġeb għar-rikors tal-appell interpost min Maria Lourdes Demarco li permezz tiegħu talbet lil dan it-Tribunal sabiex jirrevoka d-deċiżjoni tal-Ministru appellat datata 13 ta'Mejju 2015 u konsegwentement jordna lill-appellat jagħti lill-appellanti l-eżenzjoni kontemplata fir-regolament 4(2) tal-Avviż legali 440/2013 fir-rigward tal-mutur tad-ditta Harley Davidson mudell XL1200N bix-Chassis Number 1HD1CZ3198K402764 u bin-numru tal-magna CZ38402764;*

3. *Illi l-appell devolut quddiem din l-Onorabbli Qorti huwa mfassal fuq l-aggravju li, skont l-appellanti, l-esponent għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi meta ddeċida li jiċħad it-talba tal-appellanti għall-eżenzjoni għaliex, fit-termini tar-regolament*

*4(3)(a) tal-Avviż Legali 440/2013, il-vettura ma kienetx reġistrata f'isimha;*

4. *Illi l-appellanti sejset dan l-aggravu fuq dawn is-sottomissjonijiet:*
   i. *Il-Ministru appellat ma rrispettax ir-rekwiżiti taħt ir-regolament 4(2) kif ukoll is-subinċiżi 3, 4 u 5 tal-Avviż Legali 196/2009;*
   ii. *Fid-deċiżjoni tiegħu il-Ministru appellat ma għamilx distinzjoni bejn individwu u familja;*
   iii. *Il-vettura, la darba ġiet akkwistata fiż-żwieg, tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u għalhekk hija proprjetà tal-appellanta u żewġha irrispettivament għal fatt li l-imsemmija vettura tinstab reġistrata fuq isem żewġha;*
   iv. *B'referenza għal diversi sentenzi fosthom dik mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet "Martin Mifsud vs Carmelo Bonnici et" ir-reġistrazzjoni f'isem wieħed mill-konjugi tikkwalifika u sservi fil-liġi bħala reġistrazzjoni f'isem il-konjugi l-ieħor jew l-oħra;*

5. *Illi hekk traċċjati ir-raġunijiet tar-rikorrenti appellanti in sostenn tat-talba tagħha, l-esponenti mill-ewwel jirrileva li l-appell odjern huwa manifestament infondat kif ukoll frivolu u sempliċiment vessatorju inkwantu ma huwiex ibbażat fuq raġunijiet fundati la fil-fatt u lanqas fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

   i. *Il-Ministru appellat bid-deċiżjoni tiegħu rrispetta w kif ir-rekwiżiti taħt ir-regolament 4(2) kif ukoll is-subinċiżi 3, 4 u 5 tal-Avviż Legali 196/2009;*
   ii. *M'hemm xejn fil-Kap. 368 u l-L.S. 368.01 li jirrikjedi lill-Ministru appellat sabiex fid-deċiżjoni tiegħu jgħamel distinzjoni bejn individwu u familja. Il-liġi permezz tar-regolament 4(3)(a) tal-L.S. 368.01 teżiġi biss li l-Ministru appellat jikkwalifika għall eżenzjoni il-persuna li fuqu tkun reġistrata il-vettura għal perjodu indikat fl-imsemmi regolament;*
   iii. *Il-Ministru appellat qatt ma ċaħad li l-vettura ġiet akkwistata fiż-żwieġ u għalhekk tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u għalhekk hija proprjetà tal-appellanta u żewġha;*
   *Iżda il-liġi fl-ebda parti tal-Kap. 368 u s-S.L. 368.01 ma teżiġi li l-Ministru appellat huwa tenut joqogħod jiddetermina ta' min hi il-vettura jekk hux ta' wieħed jew ta' l-ieħor jew tal-konjugi flimkien għal kwalifika tal-eżenzjoni. Il-liġi permezz ta' dan ir-regolament 4(3)(a), tobbliga biss lill-Ministru appellat jikkwalifika għall-eżenzjoni il-persuna li fuqu tkun reġistrata il-vettura għal*

*perjodu indikat fl-imsemmi regolament 4(3)(a) u permezz tar-**regolament 4(1) (a) tal-L.S. 368.01**, il-liġi timponi fuq l-istess Ministru appellat sabiex ma jagħtix l-eżenzjoni jekk "il-vettura u, jew l-applikant ma jkunux issodisfaw ir-rekwiżiti stabbilit taħt is-subregola (3)";*

iv. *Is-sentenza Martin Mifsud vs Carmelo Bonniċi et riferuta mill-appellanti hija totalment fuori contesto stante li tirrigwarda kundanna għal ħlas u mhux talba għal-eżenzjoni mill-ħlas ta' taxxa ta' reġistrazzjoni. Di più f'tali sentenza il-Qorti tal-Maġistrati ordnat lir-raġel sabiex iħallas l-ammont kollu u lliberat lill-mara mill-osservanza tal-ġudizzju nonostante dawn kienu miżżewġin u kien applikabbli r-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti. Tabilħaqq is-sottomissjoni tal-appellant li reġistrazzjoni f'isem wieħed mill-konjugi tikkwalifika u sservi bħala reġistrazzjoni f'isem il-konjugi l-ieħor jew l-oħra teżisti biss fil-fantażija tal-appellanti u mkien iktar;*

6. *Illi tassew, ir-**regolament 4(3)(a) tal-L.S. 368.01** (Avviż Legali 196/2009) jesprimi b'mod ċar u inekwivoku li sabiex vettura tkun tista' tikkwalifika għal eżenzjoni "hija trid tkun ilha **reġistrata f'isem l-individwu** li jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu għal perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu għal Malta u tkun għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta";*

7. *Illi huwa evidenti li l-appellanti ma tissodisfax ir-rekwiżit stabbilit taħt ir-regolament 4(3)(a) tal-L.S. 368.01 stante li l-vettura ma ilhix sentejn reġistrata f'isimha;*

8. *Illi ladarba l-appellanti ma ssodisfatx ir-rekwiżit stabbilit fl-imsemmi regolament 4(3)(a), l-esponent ma seta jagħmel xejn ħlief jeżegwixxi l-obbligu mpost fuqu permezz tal-imemmi regolament 4(1)(a) tal-L.S. 368.01 u ma jagħtix l-eżenzjoni kif fil-fatt hekk għamel permezz tad-deċiżjoni hawn attakkata;*

9. *Illi jsegwi għalhekk li l-aggravju ma hu sostenibbli xejn u għalhekk għandu jiġi miċħud."*

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2016;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ipprocediet b'dan ir-rikors peress li hassitha aggravata b'decizjoni tal-Ministeru intimat datata 13 ta' Mejju 2015, liema decizjoni giet esebita bhala Dok A a fol. 6 tal-process u li kienet tghid, *inter alia*, is-segwenti:

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01).*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 440 of 2013 under rule 4 (3) (a) which stipulates that "it shall have been registered in the name of the individual transferring his normal residence for a period of at least twenty-four months immediately before the date of his transfer of residence to Malta and is still registered when the vehicle is imported or brought into Malta."*

Illi l-aggravju principali tar-rikorrenti hu illi l-Ministeru intimat ghamel applikazzjoni hazina tal-ligi ghaliex ghalkemm il-mutur in kwistjoni kien registrat fuq isem ir-ragel tar-rikorrenti, u cioe` Edward Demarco, il-Ministeru intimat kellu japplika l-ligi tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk ir-rikorrenti, *qua* ko-proprjetarja tal-imsemmi mutur, setghet tapplika ghall-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni f'isimha.

Illi t-Tribunal se jibda biex l-ewwel u qabel kollox jindirizza l-ewwel eccezzjoni tal-Ministeru intimat li permezz taghha eccepixxa illi l-Avukat Generali ma giex notifikat bir-rikors promutur. Illi din l-eccezzjoni hija *ormai* sorvolata peress li l-Ministeru intimat ipprezenta r-risposta tieghu fit-terminu u ghalhekk, f'dan il-kaz, m'hemmx lok li tigi applikata s-salvagwardja tal-artikolu 181B tal-Kaptiolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk it-Tribunal se jghaddi biex jinvesti l-mertu tal-appell. Illi fid-decizjoni odjerna it-*Transfer of Residence Exemption Board* (iktar 'il quddiem imsejjah "il-Bord") ibbaza r-rifjut tieghu fuq Regolament 4 (3) (a) li jghid is-segwenti :

*"4(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika ghal ezenzjoni taht is-subregola (1) –*

*(a)* ***hija trid tkun <u>ilha registrata f'isem l-individwu</u> li jkun qieghed jittrasferixxi r-residenza normali tieghu ghal perjodu***

***ta' mhux inqas minn erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tieghu ghal Malta u tkun ghadha hekk registrata meta l-vettura tigi impurtata jew migjuba f'Malta;"***

Illi ghalhekk dan ir-Regolament fih zewg rekwiziti li trid tissodisfa persuna li tkun qed tapplika ghall-ezenzjoni u cioe:-

**1. li l-vettura tkun ilha registrata f'isimha ghal perjodu ta' mhux inqas minn erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza taghha ghal Malta, u,**

**2. tkun ghadha hekk registrata meta l-vettura tigi impurtata jew migjuba f'Malta.**

Illi mid-dokumenti pprezentati mir-rikorrenti jirrizulta s-segwenti:-

a. Illi hija zzewget lil Edward Demarco fid-19 ta' Awissu 1989 gewwa Malta;[1]
b. Illi l-mutur in kwistjoni gie registrat fuq Edward Demarco gewwa l-Istati Uniti fl-2012;[2]
c. Illi fil-15 ta' April 2015 ir-rikorrent gie mahrug favur taghha certifkat ta' assigurazzjoni minn Kumpanija lokali.[3]

Illi fit-trattazzjoni orali d-difensur tar-rikorrenti sahaq illi l-Bord kien skorrett meta ma laqghax l-applikazzjoni tar-rikorrenti ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni u dan ghaliex il-mutur *de quo* jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u huwa rrilevanti fuq min miz-zewg konjugi ikun registrat ghaliex kull parti hija ko-propretarja tal-istess mutur. L-istess difensur sahaq illi tnizzel isem ir-ragel tar-rikorrent fuq ic-certifikat tat-titolu ghaliex ovvjament isem wiehed irid jitnizzel.

Min-naha l-ohra d-difensur tal-Ministeru intimat sahqet illi l-ligi titkellem car u tirrikjedi li l-vettura, f'dan il-kaz mutur, li dwarha tkun qed tintalab l-ezenzjoni trid tkun registrata ghall-perjodu msemmi fil-ligi f'isem il-persuna li tkun qed titrasferixxi r-residenza taghha hawn Malta.

Illi d-disposizzjoni tal-Ligi li tezenta vettura milli tithallas fuqha taxxa ta' registrazzjoni tinsab f'artikolu 19 (3) (f) tal-Kapitlu 368

---

[1] Dok B a fol. 7
[2] Dok C a fol. 8
[3] Dok G a fol. 13

tal-Ligijet ta' Malta (Att Dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjar ta' Vetturi Bil-Mutur) liema artikolu jghid is-segwenti:-

*"19 (3) Il-vetturi bil-mutur li ġejjin għandhom, meta jiġu reġistrati mal-Awtorità, ikunu eżentati mill-ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni:*

*(f) vettura bil-mutur M1 jew ċikletta* ***li tkun il-proprjetà personali ta' individwu privat*** *u li tkun qiegħda tinġieb b'mod permanenti f'Malta mill-individwu meta huwa jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu minn post barra minn Malta għal post f'Malta, iżda - leżenzjoni tingħata kemm-il darba dik il-vettura tikkwalifika għal eżenzjoni bħal dik.* ***L-imsemmija eżenzjoni tingħata taħt dawk il-kondizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet magħmula mill-Ministru responsabbli għall-finanzi****."*

Illi l-Ministru responsabbli ghall-finanzi haseb ghall-imsemmija ***"kudizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet"*** permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 (Regoli Dwar Ezenzjoni Mit-Taxxa tar-Registrazzjoni Ta' Vetturi Bil-Mutur) fejn fost numru ta' kundizzjonijiet ohra hemm il-kundizzjoni imsemmija fir-Regolament 4 (3) (a) citat iktar 'il fuq.

Illi t-Tribunal haseb fit-tul fuq din il-kwistjoni. Illi t-Tribunal, bhall-intimat, m'ghandu l-ebda problema jikkoncedi illi l-mutur in kwistjoni huwa wkoll proprjeta` tar-rikorrenti. Pero` dan it-Tribunal, bhall-Bord, irid isegwi dak li tiddetta l-ligi. Dan it-Tribunal ma jista' jsib xejn x'jiccensura mid-decizjoni tal-Bord. Il-legislatur ried li l-vettura migjuba Malta tkun **registrata f'isem l-individwu** li jkun ha r-residenza tieghu f'Malta. Huwa ferm ovvju li l-vettura in kwistjoni qatt ma kienet registrata f'isem ir-rikorrenti – fattur dan li jirrendi lir-rikorrenti f'posizzjoni li ma tikkwalifikax biex tapplika ghall-ezenzjoni. Il-Qrati, u f'dan il-kaz dan it-Tribunal, iridu japplikaw u jinterpretaw il-ligijiet tal-pajjiz kif promulgati mill-Parlament u ma ghandhom l-ebda diskrezzjoni li jaddotawhom b'mod approssimattiv skond kif jidhrilhom li hu gust u ekwu fic-cirkostanzi. Li kieku dan it-Tribunal kellu jaghti interpretazzjoni ohra lill-provvediment tal-ligi relattiv ikun qieghed jikkontorta dak li l-legislatur kellu f'mohhu, apparti li jkun qieghed jiftah bieb ghall-abbuz.

Illi finalment it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza citata mir-rikorrenti fir-rikors promutur taghha u waqt it-trattazzjoni orali u cioe` **Martin Mifsud vs Carmelo Bonnici et**[4] liema kawza kienet tirrigwarda talba ghar-rifuzjoni tal-prezz ta' vettura mibjugha mill-konvenut peress li din ma setghetx tigi trasferita

[4] Qorti tal-Magistrati (Malta) deciza ft-12 ta' Dicembru 2011

fuq l-attur stante li mart il-konvenut ma riditx tiffirma u taghti l-kunsens taghha biex isir l-istess trasferiment. Illi huwa veru li l-imsemmija kawza messet il-kwistjoni tal-ko-proprjeta` in kwantu t-trasferiment tal-vettura ma setghax isir minhabba n-nuqqas ta' kunsens tal-mara ko-proprjetarja, pero` iktar min hekk il-mertu huwa ghal kollox differenti minn dak odjern. It-Tribunal m'ghandu l-ebda dubju li r-rikorrenti hija ko-proprjetarja tal-mutur in kwisjtoni. Dak li pero` ma giex sodisfatt huwa l-fatt li l-istess mutur, *nonostante* l-ko-proprjeta` tar-rikorrenti, ma kienx registrat fuq isimha u kwindi jaghmilha ineligibbli sabiex tigi kkunsidrata ai finijiet ta' ezenzjoni ta' taxxa ta' registrazzjoni.

Illi ghalhekk, dan it-Tribunal, ghalkemm jasal biex jifhem l-argumenti mressqa mid-difensur tar-rikorrenti, sakemm id-dicitura tal-ligi tibqa' kif inhi, l-istess Tribunal ma jistghax jasal ghall-konkluzzjoni li l-Ministeru intimat ghamel applikazzjoni hazina tal-ligi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Bord kien korrett meta irrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrenti abbazi tal-fatt li l-mutur in kwistjoni ma kienx registrat fuq isimha ghal tal-inqas erba' u ghoxrin xahar qabel hadet ir-residenza taghha hawn Malta u ghalhekk il-mutur in kwistjoni ma kienx jikkwalifika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jichad it-talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

_____________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**